A.L. 155 ta' l-1997

ATT TA' L-1991 BIEX IĦARES L-AMBJENT (ATT NRU. V TA' L-1991)

Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Mammiferi tal-Baħar

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 32 u 33 ta' l-Att ta' l-1991 biex Iħares l-Ambjent, il-Viċi Prim Ministru, Ministru għall-Affarijiet Barranin u ta' l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:—

Titolu.

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Ħarsien ta' Mammiferi tal-Baħar, u għandhom jinqraw u jiftehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1992 dwar il-Ħarsien ta' Mammiferi tal-Baħar, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 77 ta' l-1992.

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

2. Fir-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali, minnufih wara t-tifsira ta' "persuna" għandha tidħol din it-tifsira ġdida li ġejja:—

" "taħqar" tfisser tissuġġetta l-eżemplari għal komportament jew tqieghed eżemplari f'sitwazzjoni mhux naturali fiċ-ċiklu tal-ħajja tiegħu, bl-eċċezzjoni ta' eżemplari miżmuma għall-kura medika jew f'*dolphinaria* jew *oceanaria* bil-permess tad-Direttur;".

Jemenda r-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali.

3. Fir-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali, fil-paragrafu (2) tiegħu, wara l-kliem "taqbad jew tipprova taqbad," għandhom jiżdiedu l-kliem "taħqar jew tipprova taħqar,".

Jemenda r-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali.

4. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu (1) tiegħu, wara l-kelma "taqbad," għandha tiżdied il-kelma "taħqar,"; u

(b) minflok il-paragrafu (2) tiegħu, għandu jidħol dan li ġej:—

"(2) Kull min jagħmel reat kontra dawn ir-regolamenti jeħel, meta jinsab ħati —

(a) fil-każ ta' l-ewwel reat, multa ta' mhux anqas minn Lm100 għal kull eżemplari;

(b) fil-każ tat-tieni jew għal kull reat ieħor sussegwenti, multa ta' mhux anqas minn Lm250, iżda ta' mhux aktar minn Lm1,000, għal kull eżemplari, jew priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sentejn, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

(3) Il-Qorti tista' wkoll tordna li l-ispejjeż għażżamma u trasport ta' xi eżemplari, jkunu għal karigu ta' dik il-persuna li tinstab ħatja ta' reat taħt dawn ir-regolamenti.".

Jissostitwixxi l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali.

5. Minflok l-Iskeda li tinsab mar-regolamenti prinċipali, għandha tiddħol din l-Iskeda ġdida li ġejja:—

"SKEDA

Isem Xjentifiku	**Isem Komuni**
CETACEA	
Balaenoptera acutorostrata	Minke whale (baliena)
Balaenoptera borealis	Sei whale (baliena)
Balaenoptera physalus	Fin whale (baliena)
Delphinus delphis	Delfin
Globicephala melas	Long-finned pilot whale (baliena)
Grampus griseus	Risso's dolphin (delfin)
Kogia simus	Dwarf sperm whale (baliena)
Megaptera novaeangliae	Humpback whale (baliena)
Mesoplodon densirostris	Blainville's beaked whale (baliena)
Orcinus orca	Killer whale (baliena)
Physter macrocephalus	Sperm whale (baliena)
Pseudorca crassidens	False killer whale (baliena)
Sousa chinensis	Indo Pacific humpback dolphin (delfin)
Stenella coeruleoalba	Striped dolphin (delfin)
Steno bredanensis	Rough toothed dolphin (delfin)
Tursiops truncatus	Bottlenose dolphin (delfin)
Ziphius cavirostris	Culvier's beaked whale (baliena)
Phocoena phocoena	Common porpoise (delfin)
PINNIPEDIA	
Monachus monachus	Mediterranean Monk Seal (bumerin).".